MALTA

ATT Nru. XLIV ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT għall-approprjazzjoni ta' somma ta' mhux iżjed minn tmien miljuni, mija u erbgħa u sittin elf, disa' mija u disgħa u ħamsin Lira Maltija għas-servizz tas-sena finanzjarja 1986.

ACT No. XLIV of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to appropriate a sum not exceeding eight million, one hundred and sixty-four thousand, nine hundred and fifty-nine Maltese Liri for the service of the financial year 1986.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

23 ta' Diċembru, 1986

ATT Nru. XLIV ta' l-1986

ATT għall-approprjazzjoni ta' somma ta' mhux iżjed minn tmien miljuni, mija u erbgħa u sittin elf, disa' mija u disgħa u ħamsin Lira Maltija għas-servizz tas-sena finanzjarja 1986.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (1986).

Approprjazzjoni 1986.

2. Somma ta' mhux iżjed minn tmien miljuni, tmienja u disgħin elf, seba' mija u tmienja u tletin Lira Maltija għan-nefqa dwar is-sena finanzjarja 1986 taħt il-Voti speċifikati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha u qegħda b'dan tittieħed mill-Fond Konsolidat.

Approprjazzjoni oħra 1986 u transferiment fil-Fond ta' Kontingenzi.

3. Somma oħra ta' mhux iżjed minn sitta u sittin elf, mitejn u wieħed u għoxrin Lira Maltija għan-nefqa dwar is-sena finanzjarja 1986 taħt il-Voti speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha u qegħda b'dan tittieħed mill-Fond Konsolidat, salv li dik is-somma għandha tiġi trasferita fil-Fond ta' Kontingenzi bi ħlas lura ta' l-irtir magħmul minn dan il-Fond biex jitħallsu s-servizzi diversi dettaljati relattivament għal dawk il-Voti fl-Estimi Supplimentari ta' Nefqa għas-sena finanzjarja 1986.

L-EWWEL SKEDA

Vot	Titlu	Ammont Lm
3.	Uffiċċju tal-Prim Ministru	22,000
9.	Pulizija	280,000
11.	Edukazzjoni	359,334
16.	Kummissjoni Ħidma fil-Qrati	3,500
18.	Reġistru ta' l-Artijiet	6,000
21.	Teżor	130,000
27.	Xogħlijiet u Sport	500,000
28.	Ilma	500,000
30.	Djar	10,000
31.	Ministeru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali	1,388,000
33.	Saħħa u Ambjent	750,000
37.	Affarijiet Barranin	159,900
38.	Kultura	40,000
42.	Posta	35,000
43.	Agrikoltura u Sajd	300,000
VI.	Ilma	3,125,000
VII.	Toroq	100,000
XII.	Sport, Bini u Ġonna Pubbliċi	140,000
XV.	Djar	250,000
XVI.	Nefqa Kapitali Straordinarja	4
	Skeda Totali	8,098,738

IT-TIENI SKEDA

Vot	Titlu	Ammont Lm
3.	Uffiċċju tal-Prim Ministru	5,001
9.	Pulizija	2,400
11.	Edukazzjoni	2,500
15.	Legali	1,600
21.	Teżor	45,000
23.	Taxxi Interni	6,000
27.	Xogħlijiet u Sport	3,620
37.	Affarijiet Barranin	100
	Skeda Totali	66,221

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 420 tat-22 ta' Diċembru, 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati